**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 22 – IT-TLIETA, 15 TA' MEJJU 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Janet Barthet | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skuzati

| | |
|---|---|
| Salvatore Mousù | Membru |

**1 Minuti Numru 21**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Dr Frank Bartolo rringrazzja l-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv biex issir iż-*zebra crossing* fi Triq Birkirkara. Il-Kumitat ġie infurmat li l-*works order* intbagħtet u għandu jinbeda x-xogħol fi żmien qasir.

2.2 Ġie mitlub jekk kienx hemm xi risposta rigward it-talba biex Triq il-Gardell issir *One Way*. Il-Kumitat ġie infurmat li ma kienx hemm risposta. Għandha tintbagħat *reminder* lil *Transport Malta*.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Il-Kumitat qabel li tintbagħat ittra lir-residenti tal-Kappara li għandhom il-friegħi tas-siġar tagħhom ħerġin għal ġol-bankina. Kopja tal-ittra inqrat u kien hemm qbil unanimu rigward il-lingwaġġ li għandu jintuża.

3.2 Ġie innutat li l-*planters* li jinsabu fi Triq iċ-Ċiefa għandhom bżonn l-attenzjoni tal-kuntrattur. Ġie deċiż li jsir kuntatt rigward din u rigward il-friegħi tas-siġar li jinsabu fi Triq il-Kuċċard.

3.3 Gie innutat li xorta qed ikun hemm *heavy vehicles* ipparkjati fil-Kappara minkejja t-tabelli li twaħħlu li ma jistgħux jagħmlu aċċess. Ġie deċiż li tintbagħat *reminder* lir-Reġjun biex jiġu nfurzati dawn it-tabelli. Ġie deċiż ukoll li jekk hemm residenti li għandhom garaxx u jridu jdaħħlu *heavy vehicle* f'dan il-garaxx, iridu jitolbu *pass* mill-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Ġunju 2012 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Dr Frank Bartolo**<br>**Chairman** |